**<u>TRIBUNAL INDUSTRIJALI</u>**

**<u>DECIZJONI NUMRU 3055</u>**

**Kaz Numru 3644/GV**

**Fil-Kwistjoni tax-Xoghol**

**bejn**

**Kimberly Catania KI 546093(M)**

**u**

**Creative Refurbishing Centre (Malta) Limited (C 22356), direttur ta' liema huwa Attilio Briffa ID 323976 (M)**

*dwar allegazzjoni ta' fastidju sesswali fuq il-post tax-xoghol, vittimizazzjoni u constructive dismissal*

**<u>Chairman: Dr. Geoffrey Vella B.A. LL.D</u>**

Illum it-Tlieta 4 ta' Marzu, 2025

## Introduzzjoni

Dan il-kaz gie riferut lit-Tribunal Industrijali, permezz ta' Rikorsipprezentat mill-Avukatessa Dotoressa, Rachel Tua, ghan-nom tar-rikorrenti, Kimberly Catania, fir-Registru Superjuri, fil-15 ta' Mejju 2018. Illi r-rikorrenti qieghda tallega li sofriet fastidju sesswali fuq il-post tax-xoghol, li giet vittimazzata, u kif ukoll li r-rikorrenti ddecidiet li tittermina l-impjieg taghha liema decizjoni tammonta ghal *constructive dismissal.* Ir-rikorrenti ghalhekk fir-rikors taghha talbet lil dan it-Tribunal sabiex: -

1. *"Tordna sabiex jigu nvestigati l-ilmenti u cioe` l-fastidju li soffriet ir-rikorrenti u dan bi ksur, inter alia tal-Artikolu 29 tal-Kap 452 u r-Regolament 3 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 452.95.*
2. *Tiddikjara illi d-decizjoni tar-rikorrenti sabiex tittermina l-impjieg taghha huwa rizultat ta' ntollerenza ta' agir li jammonta ghal constructive dismissal.*
3. *Tiddikjara illi r-rikorrenti kienet soggettata ghal trattament diskriminatorju ai termini tal-Artikolu 26 tal-Kap 452 tal-Ligijiet ta' Malta.*
4. *Tikkundanna lill-initmati jhallsu dak il-kumpens li dan it-Tribunal jistabilixxi in linea ta' danni oltre milli jaghti dawk id-direttivi kollha li jidhrilha xierqa u opportuni skont il-kaz[1].*"

[1] TAlbiet tar-rikorrenti, Kimberly Catania, fir-Rikors promutur taghha, data 15 ta' Mejju 2018.

Mill-banda l-ohra s-socjeta` ntimata, pprezentat ir-risposta u kif ukoll id-Dikjarazzjoni tal-Kaz taghha fis-26 ta' Gunju 2018, liema Dikjarazzjoni tal-Kaz giet ipprezentata mill-avukat, u li dakinhar kien qieghed jassisti lis-socjeta` ntimata, Dr. Edric Micallef Figallo.

Illi fir-risposta u d-Dikjarazzjoni tal-Kaz, tas-socjeta` ntimata, Creative Refurbishing Centre (Malta), hemm is-segwenti eccezzjonjiet fosthom eccezzjoni tal-preskrizzjoni ai termini ta' artikolu 75 tal-Kap 452, u kif ukoll li r-rikorrenti naqset li tindika x-xhieda u d-dokumenti li behsiebha tressaq biex issostni l-kaz taghha. In oltre, s-socjeta` ntimata ssostni ukoll li fil-mertu l-allegazzjonijiet tar-rikorrenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt[2].

**Xhieda Prodotti mill-Partijiet**

Di piu', gie pprezentat Affidavit tar-rikorrenti, fejn spjegat il-fatti kollha, ta' din il-kwistjoni ta' xoghol, kif zvolgew. Ir-rikorrenti tibda billi tghid li hi giet impjegata mis-socjeta` ntimata fis-26 ta' Gunju 2017, u li bhala direttur hemm is-sur Attilio Briffa. Tghid ukoll li giet imweghda salarju ta' €900 fix-xahar, u dan bil-patt li wara xahrejn jew tlett xhur ikun hem zieda ta' 2% kummissjoni (*commission*) fuq l-affarijiet li jinxtraw u 4% kummissjoni fuq *slow moving items*. Ir-rikorrenti tghid ukoll li kellha l-permess tuza l-vannijiet tas-socjeta` ntimata u kif ukoll ikollha telefon cellulari tal-kumpanija. In oltre, r-rikorrenti kellha l-permess bil-miktub li taghmel xoghol *part-time* mall-Interior Design.

Ghal bidu, ssostni r-rikorrenti, kien kollox beda miexi sew, fejn kellha *hand over* fuq il-*marketing advertising*, kienet iddisinjat it-tqassim tal-fiera ta' Monte Kristo, u kif ukoll bdiet titghallem fuq il-prodotti li jinbieghu fil-hwienet. Ir-rikorrenti tghid li d-direttur Attilio Briffa kien kellimha b'mod mhux xieraq meta din kienet iccempillu ripetutament minhabba li kien se jaghlaq iz-zmien fuq xi disinn grafiku tal-*Yellow Pages*. Ir-raguni li r-rikorrenti kienet bdiet iccempel lil Attilio Briffa b'insistenza kien minhabba l-fatt li riedet li jiccekkja x-xoghol ta' disinn li kienet ghamlet[3].

Ir-rikorrenti ssostni li wara li kienet ghaddiet il-fiera ta' Monte Kristo, d-direttur, Attilio Briffa kien ressqilha zewg ordnijiet ta' bibien ta' gewwa, li skont ir-rikorrenti kien ilhom ordnati qabel mall-istess rikorrenti kienet bdiet l-impjieg taghha mas-socjeta` ntimata. Ir-rikorrenti tghid li hi stess li ma kellhiex esperjenza fuq dawn it-tip ta' ordnijiet u li kellha titghallem kollox wahedha, u li dan kollu ha hafna hin. Is-sur Briffa kien beda jifrustra ruhu minhabba dan id-dewmien, u li r-rikorrenti tishaq li hi kienet tghidlu sabiex ifhemha fuq dawn l-ordnijiet.

Ir-rikorrenti tirrileva fl-affidavit taghha, li d-direttur Attilio Briffa kien tkellem dwarha ma' kollega tar-rikorrenti, certu, Alessandro Ensabella, b'mod degradanti, fejn allega "*li jekk xi hadd ikollu jaghmel labra ma' sidri, sidri jinfaqa' bhal buzzieqa*"[4].

---

[2] Risposta u Dikjrazzjoni tal-Kaz tas-socjeta` ntimata, Creative Refurbishing Centre (Malta) Limited, u dan kif debitament rapprezentata minn Attilio Briffa bil-karta tal-identita` numru, 323976M, bhaa direttur u rapprezentant tal-istess socjeta` ntimata.
[3] Vide Affidavit tar-rikorrenti, pagna 1.
[4] Ibid, pagna 1.

Dan it-tip ta' diskors kien sar ukoll ma' certu Davide Lauretta, u li dan il-persuna ma ghadux impjegat mas-socjeta` ntimata. Is-sur Briffa kien ukoll allega li r-rikorrenti kellha xi tip ta' relazzjoni ma' certu Clifford Sciberras, l-imghallem tal-aluminium, u dan peress, issostni r-rikorrenti, li kienet tqatta' hafna hin ma' Clifford Sciberras minhabba l-istimi u kif ukoll sabiex jitqassam ix-xoghol. Kien hemm madwar 400 klijent li kienu waqghu fuqhom, u ghalhekk kienu riedu li jqassmu x-xoghol tal-istimi, tkejjil, u kif ukoll ta' manifattura.

Fl-affidavit taghha r-rikorrenti tghid li darba meta kienet ma tiflhax u nzertat kienet mahnuqa, kien cemplilha Clifford Sciberras, u Attilio Briffa kien irrisponda t-telefonata hu, minghajr il-kunsens taghha, u ghamel lehen ta' mara, fejn tkellem b'mod xejn dinjituz dwar ir-raguni ghaliex kienet mahnuqa[5].

Dan l-istess Clifford Sciberras kien ukoll wara ftit zmien telaq mill-imjieg. Ir-rikorrenti ssemmi li ghall-habta tal-bidu t'Awwissu 2017, kellha bzonn tmur ghand id-dentist fil-17.30, u li kienet avzat lil Attilio Briffa. Ir-rikorrenti ssostni li dakinhar stess, kienet irciviet ritratt ta' mara anzjana bla snien, liema ritratt kien jghid "*NO TEETH, MEANS SMOOTH RIDE*".

Ir-rikorrenti tghid li ma kinietx taf x'se taqbad tghidlu, u dan peress li kien il-principal taghha, u wiegbet, "*ija issa nghidlek lilek haha goodnight*", u li wara ftit Attilio Briffa jerga` jirrispondi billi jghid "*hehe…. Matthew must be 1 lucky guy*", u dan referenza ghal sieheb (*boyfriend*) ir-rikorrenti. Is-sur Briffa kien rega' baghat messagg iehor b'ritratt ta' mara ohra bla snien li kien jghid, "*hehe…. ejja give me a smile*". Ir-rikorrenti ssostni li biex iddawwar il-konversazzzjoni saqsietu jekk kienx ha xi *selfie*, u l-konversazzjoni spiccat hawn[6].

Ir-rikorrenti tghid li hi kienet tkellmet maz-zewg kollegi taghha, is-sur Jonathan Gregory u s-sur Reuben Vella Bray. Is-sur Vella Bray kien gibed l-attenzjoni tas-sur Attilio Briffa dwar dan kollu, u dan peress li certu diskors kien isir fil-prezenza tieghu. Min-naha tieghu Attilio Briffa, tghid ir-rikorrenti, kien iwaqqa' kollox ghaz-zufjett meta s-sur Vella Bray kien jigbidlu l-attenzjoni u jghid, b'ton taz-zufjett li dan kien *sexual harassment*.

Ir-rikorrenti tkompli tghid, fl-affidavit taghha, li meta kienet imsiefra f'Ottubru 2017, Attilio Briffa kien joqghod jibgahtilha fejn kienet, fejn kienet qieghda tiggerra, u li huma kienu xoghol, u kif ukoll meta kienet se tidhol lura. Meta r-rikorrenti xrat il-vettura taghha, Toyota IQ, s-sur Briffa kien ukoll ghadda rimarki b'ton sarkastiku, fejn beda jghid li kienet xrat dik il-vettura ghaliex ma ghandiex *IQ* u cioe` ntelligenza, u li kienet tikkumpensah bil-vettura. Dan id-diskors kien intqal mall-kollegi tar-rikorrenti, u kif ukoll quddiem xi klijenti.

Ir-rikorrenti tishaq li hi kienet taghmel xoghol ta' grafika bhal *banners*, *mugs*, djarji (*diaries*), t-*Shirts* u oggetti ohra. F'dan il-perjodu hi kienet tpoggiet gewwa *showroom* li ma kellhiex facilitajiet sanitarji tajba u adegwati. Kien hemm *WC* bla *toilet seat*, *toilet paper* bil-*holder* miksur, katusi miftuhin, u kesha tremenda, fejn tghid li kienet tiehu gverta maghha minhabba l-kesha li

[5] Vide Affidavit tar-rikorrenti, pagna 2.
[6] Ibid.

kien hemm. L-arja kkondizzjonata ma kinietx tahdem, ghax ma kienux jixgheluha minhabba li ma kienx hemm *remote control*, u dan biex ma jinheliex dawl, u li sahansitra kien hemm gurdien fil-kcina. Ir-rikorrenti tirrileva, fl-affidavit taghha, li kien hemm nuqqasijiet ohra f'din is-*showroom*, bhal *wires* imdendlin mas-suffett, u minghajr *fire extinguishers*. Meta r-rikorrenti kienet tlesti xi disinn li tkun ghamlet, kienet tibghat messagg permezz ta' *WhatsApp* lil Attilio Briffa minhabba li kien hemm distanza minn din is-*showroom* ghal fejn kien Attilio Briffa, u jekk dan id-disinn ikun ghogob lil Attilio Briffa, dan kien jibghat hafna bews permezz tal-messaggi *WhatsApp*.

Ir-rikorrenti ssostni wkoll li Attilio Briffa mhux l-ewwel darba li kien icemplilha tard fil-gurnata, meta tkun telqet mix-xoghol, u li kien ukoll jghid lill-klijenti li mhux se tiddejjaq (ir-rikorrenti) tibghatu jiehdu. Xi haga li r-rikorrenti cahdet bl-aktar mod katergoriku.

Fl-ahhar gurnata ta' xoghol taghha r-rikorrenti tghid li meta kienet marret sabiex tghaddi *hand over* tax-xoghol fl-ufficcju ta' Attilio Briffa kien hemm prezenti wkoll Rueben Vella Bray, *sub-contractor*, u l-assistent tieghu, u beda jsir id-diskors dwar il-hlas l-i*nstaller* fejn dan qal li bhala hlas jiehu lir-rikorrenti mieghu. F'dak il-mument dahlet impjegata, certa Anne Marie, fejn Attilio Briffa qallu li ma jhallsu xejn u jiehu lir-rikorrenti u lill-impjegata l-ohra fis-sodda.

Ir-rikorrenti tishaq li din kienet esperjenza stressanti u umiljanti hafna ghaliha, u li kellha titlaq ghax ma felhitx dan l-abbuz verbali, nuqqas ta' gratitudni u rispett lejn il-haddiema. Ir-rikorrenti, u li sa dakinhar, u cioe` fid-data tal-affidavit taghha, ma kienet thallset la tan-*notice period* li hadmet, u lanqas tal-kummissjonjiet (*commissions*) li kienu dovuti lilha.

Is-sur Attilio Briffa ukoll ipprezenta affidavit fejn stqarr il-verzjoni tal-fatti tieghu dwar din il-kwistjoni ta' xoghol. Is-sur Briffa beda biex irribatta ghal dak li qalet ir-rikorrenti fejn sostna li ma kienx veritier li r-rikorrenti kienet imwieghda zieda fil-paga fi zmien xahrejn jew tlett xhur minn meta tkun bdiet l-impjieg taghha.

Dwar il-kummissjonjiet (*commissions*) lir-rikorrenti, Attilio Briffa sostna li hu minnu li r-rikorrenti kienet tinghata 2% u 4% bhala *commission*. In oltre, dwar il-kunsens bil-miktub li r-rikorrenti taghmel xoghol privat, is-sur Briffa jghid li dan kien inghata bhala sinjal ta' rieda tajba da parti tas-socjeta` ntimata, u mhux li kien xi forma ta' ftehim fil-kuntratt ta' mpjieg kif tat l-impressjoni r-rikorrenti fl-affidavit taghha[7].

Dwar dak li qalet ir-rikorrenti fl-affidavit taghha, u cioe` li l-ewwel granet taghha kienu differenti min-norma, Attilio Briffa jichad bil-qawwa kollha din l-allegazzjoni, u jghid li dan kien biss dak li kien mitlub minnha, u li kien parti mir-rekwiziti tal-impjieg taghhha. Is-sur Briffa jsostni li r-rikorrenti kienet impjegata propju ghalhekk ghax kienet tat l-impressjoni li kienet persuna professjonali f'dan ix-xoghol, u mhux toqghod iccempel lid-direttur ghal kull haga li tinqala`.

Is-sur Briffa jghid ukoll li r-rikorrenti kienet tilmenta u tghajjar lill-kljenti taghhom bhala "*fitti*", "*antipatiku*", "*kiesah*", u "*ma tafx x'inhi tghid*". Attilio Briffa jkompli jghid fl-affidavit tieghu, li r-

[7] Affidavit ta' Attilio Briffa, pagna 1.

rikorrenti kienet giet impjegata sabiex tbiegh il-prodotti taghhom, u kif ukoll biex taghti servizz dwar *layouts* u *designs*, pero` rrizulta maz-zmien li r-rikorrenti ma kinietx qieghda taghti prestazzjoni adegwata. Dwar diskors mhux xieraq u pastaz, d-direttur tas-socjeta` ntimata cahad li qatt qal dan il-kliem, li seta' qal kien kliem bhal "*dejjaqtli ghajni*", u dan seta` ntqal f'mument ta' pressjoni ta' xoghol. In oltre, kienet ir-rikorrenti li naqset minn xogholha u ppruvat titfa' dan in-nuqqas fuqu, jirrimarka Attilio Briffa.

Fl-istess affidavit tieghu Attilio Briffa jsemmi wkoll il-fatt li r-rikorrenti kienet tajba biss biex tispira fiducja u li wara ma kinietx taghti r-rizultati mistennija minghandha, u dan wara dak li gie allegat mill-istess rikorrenti wara l-fiera ta' Montekristo. Attilio Briffa jirrimarka li r-rikorrenti kienet tahseb li taf kollox u fil-verita` kienet tispicca tiehu l-ordnijiet mill-gdid. Dan sar b'referenza ghal meta kienu jsiru l-ordnijiet tal-bibien, fejn kien hemm bzonn li kull ordni tkun specifika ghal kull klijent. Id-direttur tas-socjeta` ntimata sostna li hu kien ivverifka l-qisien tal-ordnijiet, u mhux kif ghamlet ir-rikorrenti fejn minghajr ma ghamlet l-ebda verifika uzat il-qisien tal-klijenti.

In oltre, Attilio Briffa ma nnegax li hu gieli tilef is-sabar u dan sar minhabba l-inkompetenza u n-negligenza tal-istess rikorrenti. In oltre, cahad ukoll il-fatt li sar xi kliem fuq il-bziezaq kif sostniet ir-rikorrenti. Is-sur Briffa jghid ukoll li Alessandro Ensabella ma kienx ghadu mpjegat maghhom.

Dwar dak li qalet ir-rikorrenti dwar Clifford Sciberras, ossia l-kollega taghha, Attilio Briffa jghid li dan mhux kontradett hlief ghall-ammont ta' 400 klijent, u dan skont l-istess Attilio Briffa l-klijenti kienu bejn mija u hamsin u mitejn. Dwar l-ghidut li ntqal li kien hemm xi forma ta' relazzjoni bejn r-rikorrenti u dan Clifford Sciberras, is-sur Briffa jsostni li dan l-ghidut kien semghu minghand impjegati ohra fl-ufficcju, u li hu kien qieghed jichad li qal dan l-ghidut hu.

Attilio Briffa jichad ukoll li qatt ha xi telefon cellulari ta' xi hadd u ghamel lehen ta' mara. In oltre, jghid Attilio Briffa, Clifford Sciberras kien telaq mill-impjieg ghax kien ippretenda zieda fil-paga, u li hu hass li ma kinietx dovuta. Giet michuda wkoll mis-sur Briffa l-allegazzjoni li qatt uza kliem pastaz mall-impjegati fejn kien jghid li kienu qeghdin iqarrqu bih. Attilio Briffa baqa' jsostni li kull meta thallew ordnijiet f'idejn ir-rikorrenti dawn l-ordnijiet kienu hziena[8].

Dwar l-episodju tad-dentist, is-sur Briffa ma jichadx izda jghid li r-rikorrenti tat interpretazzjoni differenti tal-fatti hekk kif sehhew. Dan l-espisodju hu totalment distakkat mill-kuntest u li r-rikorrenti trid taghmillu l-hsara b'mod intenzjonali, sahaq Attilio Briffa. Dan ic-cajt kien isir bejn il-kollegi u li kien jghaddi u hadd qatt ma hassu skomdu, kompla jishaq Attilio Briffa.

Ir-rikorrenti rrizenjat b'mod volontarju mill-impjieg u li l-istess jghid ghal dak li gara f'Ottubru 2017, rigward il-bews li ntbaghtu messaggi, u li dan sar peress li fil-kumpanija kienet nibtet relazzjoni amikevoli, u li hu jitratta lill-impjegati bhala hbieb.

---

[8] Affidavit ta' Attilio Briffa, pagna 3.

Attilio Briffa jichad ukoll dwar dak li allegat r-rikorrenti li Jonathan Gregory u Reuben Vella Bray, ex-impjegati tas-socjeta` ntimata, li kienu nfurmawh dwar l-ilmenti tar-rikorrenti. In oltre, Reuben Vella Bray cahad li kien ircieva xi lmenti kif allegat ir-rikorrenti.

Dawr il-kundizzjoni tal-post fejn kienet tahdem ir-rikorrenti, is-sur Briffa jichad ukoll dan kollu u jishaq li l-uniku haga li ma kienx hemm tiffunzjona kien ir-*remote control*, u li hu stess kien qal lir-rikorrenti biex taghmel kuntatt mall-fornitur sabiex jissewwa, xi haga li r-rikorrenti ma ghamlitx.

Attilio Briffa jichad bil-qawwa kollha dak li allegat ir-rikorrenti meta fl-ahhar gurnata ta' xoghol taghha, ossia meta qal lis-*sub-contartcor* biex bhala hlas jiehu lir-rikorrenti u lill-impjegata ohra, Anne Marie Mamo fis-sodda. Is-sur Briffa jishaq li dan kollu kien cajt ta' wiehed Valeri, u li r-rikorrenti stess kienet tidhaq ghal dan ic-cajt.

Is-sur Briffa ghalaq l-affidavit tieghu fejn sahaq li r-rikorrenti ma kinietx thallset peress li kien se jaghmel depositu l-Qorti ta' dak dovut lir-rikorrenti, u dan peress li kienu qeghdin jirriservaw li jiehdu passi legali fil-Qorti Civili ghad-danni kontra r-rikorrenti. Dwar il-kummissjonijiet (*commissions*) li l-istess rikorrenti sostniet li ma kinietx thallset, Attilio Birffa jghid li din tithallas gialadarba jkun sar il-bejgh tal-oggett u kif ukoll ikun sar il-hlas kollu lis-socjeta` ntimata[9].

In oltre, f'din il-kwistjoni ta' xoghol xehdu wkoll diversi xhieda li l-partijiet ressqu sabiex jaghtu l-verzjonijiet taghhom dwar din il-kwistjoni ta' xoghol. It-Tribunal ha ukoll konjizzjoni ta' dawn ix-xhieda li uhud minnhom kienu ex-impjegati u kif ukoll impjegati li f'dak il-perjodu kienu ghadhom fuq il-kotba tas-socjeta` ntimata. L-istess rikorrenti u kif ukoll id-direttur Attilio Briffa wkoll komplew jixhdu f'din il-kwstjoni ta' xoghol, kemm in kontro-ezami u kif ukoll bhal xhieda in ezami.

Ir-rikorrenti, fis-seduta tal-5 ta' Marzu 2019, spjegat kif kienet bdiet l-impjieg taghha mas-socjeta` ntimata, u bl-liema kundizzjonijiet kienet bdiet. Ir-rikorrenti kkonfermat li kellha €900 salarju gross fix-xahar, u li kellha tnax-il xahar prova. In oltre, spjegat li kellha l-kummissjonijiet ta' 2% u 4% fuq "*slow moving items*"[10].

Ir-rikorrenti sostniet li meta kienet iccempel lil Attilio Briffa sabiex jara d-disinni li kienet tipprepara, is-sur Briffa kien ikellimha b'mod pastaz. Ir-rikorrenti tishaq li dan kienet taghmlu peress li kien ikollha skadenzi (*deadlines*) li riedet tlahhaq, u li dan ma kienx mod civili kif Attilio Briffa, li kien id-direttur tal-kumpanija, kien ikellimha[11].

Ir-rikorrenti fix-xiehda taghha rrimarkat ukoll li Attilio Briffa kien idawwar il-kliem fuq in-nisa, u li fil-prezenza ta' zewg impjegati Taljani kien jghid li jaghmel labra ma' sidirha u li l-hoss ikun bhal dak ta' buzzieqa. Ir-rikorrenti fix-xiehda semmiet li kienet taghmel xoghol ta' manager ghax kienet spiccat fis-sezzjoni tat-*turnkey* u li kienet spiccat taghmel hafna affarijiet. Ir-rikorrenti tghid li kienet taghmel hafna xoghol ma' Clifford Sciberras, u li dak iz-zmien kien impjegat mas-socjeta` ntimata. Minhabba li kienet tqatta` hafna hin ma' Clifford Sciberras, ir-rikorrenti sostniet li Attilio

[9] Affidavit ta' Attilio Briffa, pagna 4.
[10] Xiehda tar-rikorrenti, 5 ta' Marzu 2019, pagna 2 tat-traskrizzjoni.
[11] Vide seduta tal-5 ta' Marzu 2019.

Briffa kien beda jallega li kienet ghaddejja xi haga bejniethom. In oltre, r-rikorrenti ssemmi wkoll l-episodju ta' meta marret ghand id-dentist, u li Attilio Briffa baghtilha l-messaggi u kif ukoll stampa ta' mara anzjana fejn ikkummenta bil-kliem "*no teeth smooth ride*"[12].

Ir-rikorrenti hassitha skomda meta rcievet dawn il-messaggi (*WhatsApp*) minghand Attilio Briffa, u dan peress li Attilio Briffa kien id-direttur tal-kumpanija li maghha kienet impjegata. Ir-rikorrenti pprezentat dawn il-messaggi li hi rciviet minghand Attilio Briffa[13].

Ir-rikorrenti sostniet li hi kienet uriet bl-iskomodita` taghha lill-managers Jonathan Gregory u Reuben Vella Bray, fejn qaltilhom li kienet qieghda tiddejjaq bil-kompartment ta' Attilio Briffa. Ir-rikorrenti tghid li Attilio Briffa kien iwaqqa' ghac-cajt lil Reuben Vella Bray quddiem in-nies. Reuben Vella Bray kien ukoll tkellem ma' Attilio Briffa sabiex ma jitkellimx b'certu lingwagg quddiem l-impjegati ghax mhux etika, izda Attilio Briffa kien iwaqqa' kollox ghac-cajt. Ir-rikorrenti ssemmi wkoll li meta hi kienet xrat vettura tal-marka IQ, Attilio Briffa kien jghid quddiem in-nies/klijenti li xrat IQ biex tkun ikkumpensata peress li r-rikorrenti ma kellhiex *IQ, ossia ntelligenza*[14].

L-istess, sostniet ir-rikorrenti fix-xiehda taghha meta kienet tiehu l-*leave*, u li Attilio Briffa kien jibghat messaggi li kienet qieghda tiggerra barra. In oltre, r-rikorrenti ssemmi wkoll li bis-sahha taghha kien infetah it-*turnkey*, u li kienet tpoggiet go *showroom* li kienet fi stat hazin hafna. In oltre, r-rikorrenti tishaq li ghamlet xoghol iehor li kien ma kienx ta' *sales and design*, u cioe` l-kariga li giet impjegata ghaliha.

Ir-rikorrenti tghid li Attilio Briffa mhux l-ewwel darba li kien jigu ftit qabel il-hamsa (17.00), l-hin li jkunu se jispiccaw mix-xoghol u kienu jdumu aktar mill-hamsa, u li jirrabbaja jekk kienu jitilqu fil-hamsa, u cioe` fil-hin li kellhom jispiccaw. Ir-rikorrenti tghid li ma kienux jithallsu *overtime* tal-hin zejjed li kienu jdumu wara l-hamsa (17.00).

Ir-rikorrenti tghid li hi kienet baghtet ittra ta' rizenja u li kienet giet infurmatha minn Elaine Caruana Briffa, mart Attilio Briffa fejn infurmatha li kellha jew tahdem in-*notice* jew tiehu l-*leave*, u ma tithallasx tan-*notice*. Ir-rikorrenti tishaq li waslet sabiex tirrizenja mill-impjieg minhabba l-fastidju, u n-nuqqas ta' rispett li kien hemm fuq il-post tax-xoghol.

Dwar meta kienet bdiet l-impjieg taghha r-rikorrenti sostniet li kien Attilio Briffa li kien ghamel kuntatt maghha fuq il-pjattaforma *Linkedin* fejn kien offrielha li tahdem mall-kumpanija tieghu. Ghall-ewwel, tghid ir-rikorrenti, Attilio Briffa kien weghdha li wara tlieta jew erba' xhur kien se jghollilha l-paga. Meta ghadda dan il-perjodu r-rikorrenti bdiet titlob lil Attilio Birffa sabiex izomm kellmtu dwar il-paga, u li dan kien beda jgib hafna skuzi bhal li kien mghaffeg, li jrid jara l-potenzjal taghha, u li kellu jiddejjen €20,000 minghand il-kunjata sabiex ihallas il-pagi. Ir-rikorrenti ssostni

[12] Ibid pagna 4 tat-traskrizzjoni.
[13] Vide Dok. 'KC1' sa Dok. 'KC5'.
[14] Seduta tal-5 ta' Marzu 2019, xiehda tar-rikorrenti, pagna 9 tat-traskrizzjoni.

li kellhom pressjoni minghand Attilio Briffa li ma kellux flus u li kellhom jigru wara l-klijenti sabiex ihallsuhom.

Dwar il-kummissjonijiet (*commissions*), ir-rikorrenti tghid li hi kellha tnejn fil-mija (2%) fuq ix-xoghol li kienet tbiegh u erbgha fil-mija (4%) fuq *slow moving items*, u li r-rikorrenti qatt ma kellha idea x'kienu.

Ir-rikorrenti tkompli tghid fix-xiehda taghha li meta marret mat-*turnkey* qatt ma hadet kummissjonjiet u dan peress li Attilio Briffa kien dejjem bl-iskuzi, bhal li la ma kienx dahhal flus hu, ma kinietx se tiehu flus hi. Ir-rikorrenti kienet ukoll tibghat ir-ritratti tal-*artworks* ta' *designs* lil Attilio Briffa u li dan kienx iridha titlaq mis-*showroom* biex ma tahlix hin.

Ir-rikorrenti taghlaq ix-xiehda taghha billi tghid li dakinhar tal-ahhar gurnata ta' xoghol taghha kienu cemplulha Reuben Vella Bray, u Attilio Briffa biex tghid lil *sub-contractor* u lill-assistent tieghu x'irid jaghmel. Attilio Briffa qal lil dan is-*sub-contractor* biex ma jhallsu xejn u jaghtih lilha u lil certa Annmarie Mamo, mpjegata fis-sezzjoni tal-*accounts* li dak il-hin dahlet hdejhom.

Xehed ukoll f'din il-kwistjoni ta' xoghol Reuben Vella Bray, li f'dak il-perjodu in kwistjoni kien impjegat mas-socjeta` ntimata. Dan ix-xhud beda biex spjega kif beda l-impjieg tieghu mas-socjeta` ntimata fis-sena elfejn u sbatax (2017), fejn kien jokkupa l-kariga ta' General Manager.

Dwar ir-rikorrenti, meta mistoqsi x'jista` jghid dwarha, dan ix-xhud sostna li r-rikorrenti kienet taf fejn trid tasal, u li xi kultant kienet tidhol ghal xoghol li ma kienx xogholha, u dan kien isir ghax kienet tkun sfurzata. Dan ix-xhud semma' meta l-imghallem, b'referenza ghal Attilio Briffa, kien riedha li tinnegozja ma' kumpanija tal-bibien Polakka, u li hadd minn din il-kumpanija ma kien jaf kelma bl-Ingliz. Dan ix-xhud spjega li r-rikorrenti kellha stil ta' disinn (*design*), li fl-opinjoni tieghu, kien tajjeb u li kien iwassal messagg sottili bhala reklam, imma d-direttur (Attilio Briffa) ma kienx joghgbu, u dan ghax kellu mod differenti kif iwassal ir-reklam, u li skont dan ix-xhud kien konfuz[15].

Dwar l-attitudni ta' Attilio Briffa, dan ix-xhud sahaq li ma kellux attitudni tajba mall-impjegati, u li f'disa' xhur li dam impjegat mas-socjeta` ntimata kien ra hafna bdil ta' mpjegati. In oltre, jsostni dan ix-xhud, hu stess kien spicca b'dipressjoni, u dam madwar xahar sabiex irkupra.

Ir-rikorrenti u d-direttur Attilio Briffa, jghid dan ix-xhud, kien ikollhom hafna argumenti bejniethom dwar ix-xoghol. Ix-xhud semma` episodju fejn sema' lil Attilio Briffa jghid li "*intaqbilkom hawnhekk u jinzlu*", u dan b'referenza ghal sider l-impjegati, ix-xhud kellem lil Attilio Briffa li dan ma kienx kliem li jghid lill-impjegati. Ix-xhud ikkonferma li l-kelma "*intaqbilkom*" kienet b'referenza ghal sider l-impjegati. Ix-xhud sostna li dan kollu kien semghu hu mill-ufficcju tieghu, u ghalhekk kien iddecieda li jkellem lil Attilio Briffa, u li l-istess Briffa qal; "*dejjaqtuli and he used the z word*"[16].

---

[15] Seduta tas-16 ta' April 2019, xiehda ta' Reuben Vella Bray, pagna 4 tat-traskrizzjoni.
[16] Ibid, pagna 7 tat-traskrizzjoni.

Ix-xhud qal li r-rikorrenti kienet tkellmet mieghu u kif ukoll urietu xi ritratti li kien baghatilha Attilio Briffa. Ix-xhud sahaq li lil Attilio Briffa kien kellmu li l-impjegati ma kienux qed ihosshom komdi bl-atteggjament tieghu, fejn kien jigi minn wara u jinvadi l-ispazju tal-impjegati. Ix-xhud sosta li r-reazzjoni ta' Attilio Briffa kienet tkun wahda li bilkemm ma kienx iwaqqa' ghac-cajt lix-xhud, u dan meta kellmu dwar Ministru gewwa l-Ingilterra li kellu jirrizenja ghax kien miss saqajn mara. Ix-xhud sostna li Attilio Briffa beda jghid, b'ton biex iwwaqqghu tac-cajt, li ahjar joqghod attent kif ikellem lill-impjegati, "*ghax inkella jkun sexual harassment*.."[17].

Ix-xhud dwar l-ahhar gurnata ta' xoghol tar-rikorrenti rrimarka li kien hemm wiehed li jaghmel l-aluminium, certu Valerio, fejn kien hemm ukoll Anne Marie (Mamo), impjegata tas-socjeta` ntimata u kienu qeghdin jitkellmu fuq il-pagamenti. Attilio Briffa qal lil dan tal-aluminium (Valerio) li kien se jhallsu b'din l-impjegata (Anne Marie), "*I pay you with her*"[18].

Fis-seduta tat-3 ta' Novembru 2020 xehdet Anne Marie Mamo, fejn spjegat li kienet ilha mpjegata mas-socjeta` ntimata ghal madwar tlett snin u nofs, u li hi kienet tahdem fuq *accounts* u *shipping*. Din ix-xhud qalet li r-rikorrenti kienet taf li kienet impjegata bhala *sales assistant*, u min-naha taghha, fil-prezenza taghha, qatt ma kienet rajt xejn hazin minn Attilio Briffa fil-konfront tar-rikorrenti. Ix-xhud sahqet li qatt ma hassitha skomda minhabba xi kliem li qal Attilio Briffa, u li dak li kien jinghad kien biss bic-cajt.

Fl-istess seduta xehed Attilio Briffa, d-direttur tas-socjeta` ntimata, fejn beda billi qal li kien ilu fin-negozju ghal dawn l-ahhar tmienja u ghoxrin (28) sena. Ix-xhud qal li r-rikorrenti kienet impjegata bhala *sales representative* u kif ukoll li taghmel *interior design*.

Ix-xhud, Attilio Briffa sostna li l-kwistjonijiet li kellu mar-rikorrenti kienu ghax kienet tiehu l-ordnijiet hazin tal-bibien mas-*suppliers* taghhom. Ix-xhud qal li ma jistax jifehm x'riedet tghid biha r-rikorrenti meta qalet li l-ewwel granet taghha fl-impjieg kienu differenti min-norma. Ix-xhud sahaq li r-rikorrenti kienet taghmel zbalji kontinwament. Ix-xhud qal ukoll li r-rikorrenti pjuttost kellha atteggjament cajtier mall-kollegi taghha.

Ix-xhud Attilio Briffa, fix-xiehda tieghu rrimarka li r-rikorrenti kienet tiehu hafna zbalji fuq xogholha, u dan ghal dak li jikkoncerna qisien ta' bibien. Ix-xhud sostna li ghad baqalu bibien li ghadhom ghandu minhabba li r-rikorrenti kienet hadet qisien hziena.

Dan ix-xhud sahaq li dwar l-attegjament tieghu mar-rikorrenti, dan sostna li r-rikorrenti qatt ma tkellmet mieghu li kienet qieghda tiddejjaq b'dan l-attegjament tieghu. Ix-xhud qal li setghet tkellmet ma' xi kollega dwar dan izda mieghu qatt ma tkellemt xejn. Ir-rikorrenti pjuttost kienet cajtiera mall-kollegi taghha sostna x-xhud.

[17] Ibid, pagna 8 tat-traskrizzjoni.
[18] Ibid, pagna 9 tat-traskrizzjoni.

Dwar certu kliem vulgari, x-xhud ma nnegax li f'mument ta' rabja dan qalu, specjalment il-kelma "fottejtuni", hu l-aktar kelma li juza meta jsir xi zball. Ix-xhud qal li r-rikorrenti ma kellhiex prestazzjonijiet tajbin, u dan hareg mill-figuri fejn ma kienux qeghdin jintlahqu l-miri li kellha.

Ix-xhud cahad kategorikament li hu qatt iddiskrimina ma' xi mpjegati, u li dwar l-episodju tal-ahhar gurnata ta' xoghol tar-rikorrenti, x-xhud sostna li dan kien malintiz da parti tar-rikorrenti. Meta sar il-kliem li bhala hlas il-kuntrattur (Valerio), li kien prezenti, jiehu lir-rikorrenti, kienet biss cajta. In oltre, mhux minnu li kien hemm prezenti l-impejgata, Anne Marie Mamo waqt dan kollu, sostna x-xhud Attilio Briffa. Ix-xhud qal li kien sejjah lil Anne Marie Mamo sabiex tohorg ic-cekk lil dan il-kuntrattur. In oltre, ghall-kuntratjru ghal dak li allegat ir-rikorrenti, meta dan Valerio qal li bhala hlas jiehu lir-rikorrenti, l-istess rikorrenti, Kimberly Catania dahket ghal dan il-kliem, u li hu (Attilio Briffa) qal lil Valerio sabiex ma jghidx dan il-kliem ghax jista' jigi nterprettat bhala *sexual harassment*. Ir-rikorrenti, da parti taghha qalet, u dan skont ix-xiehda ta' Attilio Briffa, li kien qieghed biss jiccajta[19].

Ix-xhud ipprezenta wkoll dokument li fih irribatta dak kollu li allegat ir-rikorrent dwaru[20]. F'dan id-dokument ix-xhud irribatta dak li r-rikorrenti allegat fl-affidavit taghha. Ix-xhud sostna wkoll li meta r-rikorrenti kienet baghtet l-ittra ta' rizenja hu kien kellem lil Reuben Vella Bray sabiex minflok tahdem sal-gurnata li kellha tahdem, u cioe' l-Erbgha 21, ir-rikorrenti tahdem sal-ahhar tal-gimgha. Ir-rikorrenti accettat mill-ewwel, u x-xhud sahaq li xi hadd li jkun sofra certu azzjonjiet minghand l-imghallem tieghu ma kienx jikkopera u jaccetta mill-ewwel. Ix-xhud f'din is-seduta pprezenta wkoll dokumenti li kienu jindikaw l-allegati danni li r-rikorrenti kkawzat minhabba n-negligenza taghha, u kif ukoll xi korsijiet li s-socjeta` ntimata kienet hallset biex l-istess rikorrenti tkun tista' taghmel.

In kontro-ezami, r-rikorrenti, Kimberly Catania, wiegbet ghad-domandi li sarulha mir-rapprezentant legali tas-socjeta` ntimata. Ir-rikorrent sostniet li bhala sales ma kienx l-ewwel xoghol li kellha, u li ghall-bidu li bdiet l-impjieg taghha kienet go *showroom* tal-*catering* u li kellha skrivanija barra. Ir-rikorrenti tghid li kienet ma' mpjegat iehor, certu Alessandro, u wara kien hemm impjegat iehor, Davide Lauretta. Wara kienet marret go *showroom* ohra, li kienet tal-madum. Ix-xhud tghid li hi u huha, Matthew Catania, kienu jqandlu l-madum ghal fuq l-ixkaffef (*racks*), u dan peress li din is-showroom kellha tkun ghat-*turnkey*.

Wara, tghid ir-rikorrenti kienet marret go *showroom* ohra li kienet fil-kantuniera tmiss ma' dik li kienet fiha qabel, u cioe` tat-*turnkey*. Ir-rikorrenti, wiegbet li l-episodji li hi allegat kienu kollha sehhu, kemm l-episodju tal-bziezaq, semmiet episodju tat-telefon, u li kien hemm prezenti Clifford Sciberras, u kif ukoll l-episodju tal-IQ.

Ir-rikorrenti, kkonfermat li damet fl-impjieg madwar seba' xhur, u li kienet tiehu cajta, sakemm ma tkunx cajta pastaza. Ir-rikorrenti sostniet li hi qatt ma kellha principal li baghtilha ritratti ta'

[19] Seduta Seduta tat-3 ta' Novembru 2020, xiehda ta' Attilio Briffa, pagna 12 tat-traskrizzjoni.
[20] Ix-xhud ipprezenta Dok. 'AB1'.

mara bla snien ghax qaltlu li kienet sejra ghand id-dentist, u li kien ghadda rimarki dwar l-gharus taghha (li kien iffortunat)[21].

Ir-rikorrenti baqghet issostni, u dan ghad-domandi li saru mir-rapprezentant legali tas-socjeta` ntimata, li hi kompliet ma' Attilio Briffa ghax hassitha konfuza, u mhux ghax fil-verita` riedet tkompli mieghu. Dan wara kollox dan kien il-principal taghha, tghid ir-rikorrenti. In fatti, r-rikorrenti kellmet lil Clifford Sciberras dwar dan l-episodju u kif ukoll kellmet lil manager taghha, Reuben Vella Bray.

In oltre, r-rikorrenti tishaq li hi kemm-il darba qalet lil Attilio Briffa sabiex ikellimha sew, u li dan qalitulu bil-kliem, u mhux permezz ta' xi *email* jew messagg. Dwar l-izbalji li r-rikorrenti kienet tiehu tal-qisien tal-bibien, din sostniet li kienet infurmat lill-principal taghha, ossia Attilio Briffa, li hi ma kellhiex esperjenza fuq dan ix-xoghol[22].

Dwar l-episodju tad-dentist, u l-messaggi li rciviet minghand Attilio Briffa, r-rikorrenti sostniet li kien Reuben Vella Bray li kien kellmu dwar dan l-episodju, u li dawn ma kienux affarijiet sew, u kif ukoll ssemmi l-kaz tar-Renju Unit fejn Ministru kellu jirrizenja. Pero', tghid ir-rikorrenti, l-principal Attilio Briffa kien ha kollox biz-zufjett[23].

Fis-seduta tal-15 ta' Gunju 2021 gew ipprezentati tlett affidavits mis-socjeta` ntimata, liema affidavits kienu ta' Elaine Caruana Briffa, Caroline Grech, u Anne Marie Mamo. Fis-seduta tat-23 ta' Novembru 2021, xehed Davide Lauretta, ex-impjegat tas-socjeta` ntimata, fejn stqarr li hu kien dam impjegat mall-imseimmja socjeta` tlett xhur biss. Dan ix-xhud irrimarka li kemm Attilio Birffa u kemm ir-rikorrenti ma kienux jaqblu ma' xulxin. Ix-xhud sostna li kienet cemplitlu r-rikorrenti "*ghal xi haga li qatt ma ra*"[24].

Dan ix-xhud ghad-domandi dwar kif jara lil Attilio Briffa mall-impjegati femminili baqa' jsotni li hu qatt ma ra xejn hazin da parti tas-sur Briffa. Dan ix-xhud sahaq li dak li xehed quddiem il-Qorti Kriminali kien qieghed jixhdu quddiem dan it-Tribunal. Ix-xhud ikkonferma li ma kienx ircieva tahrika sabiex jidher quddiem dan it-Tribunal, izda kien gie minn jeddu. Ix-xhud irrimarka li Attilio Briffa ma kienx ghamel kuntatt mieghu sabiex jitla' jixhed. Ix-xhud baqa' jinsisti li hu qatt ma ra xejn minn Attilio Briffa u li kien tela` jixhed fuq rapport falz li sar mir-rikorrenti fl-ghassa tan-Naxxar. Izda meta mistoqsi li hu kien xehed fil-proceduri kriminali li kien ra lir-rikorrenti tibki, dan ix-xhud ikkonferma li kien gieli raha tibki.

Ix-xhud ikkonferma li Attilio Briffa kellu karattru cajtier izda qatt ma semghu jiccajta doppju sens jew b'xi konnotazzjoni sesswali. Mill-banda l-ohra dan ix-xhud ikkonferma li Attilio Briffa kien

[21] Seduta tat-3 ta' Marzu 2021, xiehda in kontro-ezami tar-rikorrenti, Kimberly Catania, pagna 5 tat-traskrizzjoni.
[22] Ibid, pagna 10 tat-traskrizzjoni.
[23] Ibid, pagna 13 tat-traskrizzjoni.
[24] Seduta tat-23 ta' Novembru 2021, xiehda in ezami ta' Davide Lauretta, pagna 3 tat-traskrizzjoni.

talbu sabiex jipprepara dikjarazzjoni li r-rikorrenti kienet taghmel xoghol hazin, xi haga li hu ma accettax li jaghmel. Ix-xhud baqa' jsostni li hu ried li johrog minn din is-sitwazzjoni[25].

Fis-seduta tas-26 t'April 2022, xehed in kontro-ezami Attilio Briffa, fejn dan ix-xhud beda biex sostna li r-rikorrenti kienet inghatat ftit tahrig relatat ma' *sales and design* min-naha tieghu. Dan it-tahrig kien dwar il-prodotti, l-fornituri (*suppliers*), izda skont dan ix-xhud ir-rikorrenti ma kinietx tikkopera. Dan ix-xhud qal li kull darba li kienu jghidulha xi haga r-rikorrenti kienet twiegeb li diga` tafu li ma hemmx ghalfejn li jghidilha.

Ix-xhud, Attilio Briffa sahaq li r-rikorrenti nghatat tahrig ghal dak li kellu x'jaqsam mall-bibien. Dawn il-bibien li kienu jigu minghand fornitur (*supplier*) Taljan. In oltre, li kellha bzonn tkun taf kien il-wisa' u l-gholi tal-hajt u dan biex tkun tista' tohrog stima. Dwar il-fornituri Polakki, x-xhud sostna li r-rikorrenti kellha tkun taf kif tuza *software* tal-istess fornitur Polakk. Ix-xhud sahaq li dawn il-fornituri kienu spjegawlha kollox permezz ta' SKYPE, u li r-rikorrenti kkonfermat li kienet fehmet kollox, meta fil-verita` ma kienet fehmet xejn.

Ix-xhud spjega kif kienet tahdem l-istruttura tal-kumpanija, fejn dan ix-xhud sostna li kienu bdew 31 sena ilu. Il-kumpanija ghandha tlett *showrooms* fi Triq San Pawl in-Naxxar. In oltre, sostna x-xhud, kien hemm zewg *showrooms* ohra. Ir-rikorrenti kienet, f'dak il-perjodu fis-*showroom* tal-bibien, u li llum giet tal-*catering*[26].

Ix-xhud sostna li sa fejn kien jaf hu ma kienx hareg xi *warning* bil-miktub lir-rikorrenti, u dan minhabba l-komportament tal-istess rikorrenti, li seta' kien hemm wiehed verbali. Ix-xhud dwar l-ghidut li kien qieghed jinghad dwar ir-rikorrenti u Clifford Sciberras, ix-xhud sostna li r-rikorrenti gieli kienet tinzel il-fabbrika ta' Hal Qormi biex tara x-xoghol, izda sahaq li postha ma kienx hemm[27].

Ix-xhud irrimarka li dan l-ghidut kien semghu minghand diversi haddiema, izda ma jistax jghid hux vera jew le, ma kienx ghalih li jiggudika. Ix-xhud sahaq li hu ma kienx jidhol f'affarijiet personali tal-impjegati, hu kien jidhol jekk is-sitwazzjoni kienet tintterferixxi max-xoghol.

Dwar il-fatt li kien jibghat il-bews fil-messaggi lir-rikorrenti, x-xhud sostna li dan kien jibghatu lil kulhadd, anke lill-irgiel, u dan ghax fil-kumpanija kellhom din it-tip ta' atmosfera u mhux xi tip ta' dittatorjat. Ix-xhud sostna "*Mhux bewsa, it's just an emoji*"[28].

Rigward l-episodju tad-dentist, ix-xhud ghad-domanda x'ried iffisser biha, hu sahaq li dan l-episodju kien biss cajta, u xejn aktar. Ix-xhud sahaq li kien jiddispjacih ghal dak li ghamel u li kien

[25] Ibid, pagna 8 tat-traskrizzjoni.
[26] Seduta tas-26 ta' April 2022, xiehda in kontro-ezami ta' Attilio Briffa, pagna 3 tat-traskrizzjoni.
[27] Ibid, pagna 6 tat-traskrizzjoni.
[28] Seduta tas-26 ta' April 2022, xiehda in kontro-ezami ta' Attilio Briffa, pagna 9 tat-traskrizzjoni.

qieghed jiskuza ruhu li ghamilha. Ix-xhud sahaq li r-rikorrenti kienet irrispondiet billi qaltlu "*mela hadt ritratt lilek innifsek*"[29].

Ix-xhud baqa' jsostni li ma jistax jifhem kif ir-rikorrenti kienet hadet ghaliha b'din ic-cajta wara 8 xhur li kienet telqet minn mieghu. Ix-xhud baqa' jinsisti li din kienet cajta u xejn aktar u bla ebda konotazzjoni sesswali. Kulhadd izda seta' jinterperetaha kif irrid hu, sostna x-xhud. Dwar ir-ritratt ta' xiha bla snien u li izda mieghu zied il-kliem li xi hadd kien iffortunat (*"Matthew must be one lucky man tonight"*), ix-xhud qal li la qeghdin tarawha hekk allura tigi cajta ta' natura sesswali.

Ix-xhud cahad li kien kellmu l-manager Reuben Vella Bray dwar dan kollu, izda sostna li Reuben Vella Bray kien baghat *email* fuq ir-rikorrenti. Ix-xhud sahaq li Reuben Vella Bray kien bniedem b'hafna ucuh (*multi faced*)[30].

Dwar l-episodju tal-laqgha mas-*sub-contractor* u l-assitent tieghu, u li kien hemm prezenti Reuben Vella Bray fejn ix-xhud ma kienx xtaq li jibqa' wahdu mar-rikorrenti, l-istess xhud qal li dan sar biex ir-rikorrenti ma tmerihx, u li ma jkunx intqal xi diskors li jkun differenti. Dwar kummenti ta' natura sesswali mis-*subcontractor*, ix-xhud wiegeb li ma kienx jiftakar, izda jista' jkun li ghamilhom dan is-*sub-contractor* ghax kien cajtier. Ghall-fatt li dan il-persuna, qal li jiehu lir-rikorrenti bhala hlas, ix-xhud sostna li dan il-kliem kien biss cajt. Mistoqsi jekk fuq il-post tax-xoghol hemmx xi linji gwida (*policies*) dwar fastidju sesswali, x-xhud wiegeb li hu ma kellux idea ghax kienet tiehu hsieb il-mara tieghu, Elaine Caruana Briffa[31].

Fl-istess seduta xehdet in kontro-ezami mart il-principal, Elaine Caruana Briffa, fejn spejgat li kienet tokkupa l-kariga ta' CFO tas-socjeta` ntimata. Din ix-xhud ikkonfermat li kienet ghamlet madwar sitt gimghat barra bil-leave tal-maternita` (*maternity leave*). Din ix-xhud sostniet li meta issib xi zbalji fix-xoghol tar-rikorrenti hi kienet iccempilha sabiex taghtiha spjegazzjoni dwar kif kellu jsir ix-xoghol. In oltre, din ix-xhud spjegat ukoll li hi qatt ma kienet harget ebda twissijiet (*warnings*) fil-konfront tar-rikorrenti.

Dwar it-twissijiet ix-xhud sostniet li dawn kienu jinghataw minghand il-*General Manager* ta' dak il-perjodu, li kien Reuben Vella Bray. Twissija kienet tinghata bil-miktub, u li hafna drabi kienet ix-xhud li kienet tikteb it-twissija u jigi ffirmat mid-direttur, ossia Attilio Briffa[32].

Ix-xhud irrimarkat li kien hemm xi bibien li kienu ghadhom fil-mahzen taghhom minhabba li r-rikorrenti kienet hadet il-qisien hziena ta' dawn il-bibien meta hadet l-ordni.

Fl-istess seduta xehdet ukoll in kontro-ezami Anne Marie Mamo fejn din xhud sostniet li r-rikorrenti kienet tmur fl-ufficcju ta' Attilio Briffa li kien faccata tal-kuritur tal-ufficcju ta' Reuben

[29] Ibid.
[30] Ibid, pagna 14 tat-traskrizzjoni.
[31] Ibid, pagna 18 tat-traskrizzjoni.
[32] Seduta tas-26 ta' April 2022, xiehda in kontro-ezami ta' Eliane Caruna Briffa, pagna 21 tat-traskrizzjoni.

Vella Bray. Din ix-xhud sahqet li qatt ma semghet dwar l-episodju tal-labra ma' sider ir-rikorrenti. Dan kienet tafu ghax kienet ir-rikorrenti stess li kienet qalitulha[33].

Ix-xhud ghad-domandi tar-rapprezentanta legali tar-rikorrenti, dwar dan l-episodju tal-labra, sostniet li wara li kienet telqet ir-rikorrenti mill-impjieg hadd ma kien kellimha dwar dan il-kaz. Dwar meta ghamlet l-affidavit taghha din ix-xhud sahqet li ma tiftakarx li kien hemm prezenti Attilio Briffa. Dwar ic-cajt li kien jaghmel Attilio Briffa, din ix-xhud sostniet li qatt ma rciviet dawk it-tip ta' messaggi, u dan b'referenza ghall-messaggi tal-mara xiha bla snien[34].

F'din is-seduta xehdet ukoll Caroline Grech, u li f'dak il-perjodu mertu ta' din il-kwistjoni ta' xoghol kienet impjegata mas-socjeta` ntimata. Din ix-xhud qalet li kien ilha madwar hames snin li telqet mill-impjieg li kellha mas-socjeta` ntimata. Ix-xhud sostniet li kienet damet tmien (8) xhur tahdem mas-socjeta` ntimata.

Din ix-xhud, ukoll meta rinfaccata bid-domanda jekk meta ghamlet l-affidavit taghha hi kienietx imgieghla li taghmlu, din ix-xhud sostniet li dan l-affidavit kien sar fl-ufficcju ta' Attilio Briffa. In oltre, qalet li kien prezenti l-istess Attilio Briffa meta sar dan l-affidavit. Din ix-xhud sostniet li, meta kienet ghadha impjegata mas-socejta` ntimata, kienet tahdem fis-sezzjoni tal-*accounts* ma' Anne Marie Mamo.

Din ix-xhud sahqet li meta kienet titlob xi haga lir-rikorrenti din kienet tirrabbjaha hafna ghax ma kinietx tghinha ghal dak li jkollha bzonn. Ix-xhud sostniet li hi ma kellhiex idea dwar qisien ta' bibien u madum ghax ma kinietx il-linja taghha. Ghalhekk kienet titlob lir-rikorrenti sabiex tfhemha. In oltre, meta giet mistoqsija jekk ir-rikorrenti kellhiex xi tip ta' tahrig, ix-xhud qalet li hi ma kinitx taf jekk ir-rikorrenti kellhiex tahrig fuq dan ix-xoghol.

Dwar episodju fejn ir-rikorrenti kienet telqet madwar siegha qabel biex tmur fil-fabbrika ta' Hal Qormi, x-xhud tghid li dan seta' sar biex ir-rikorrenti setghet ramiet xi karti tal-ordnijiet u li s-socjeta` ntimata ma kinitx taf bihom. Dwar l-ghidut li r-rikorrenti kellha xi forma ta' relazzjoni ma' Clifford Sciberras, ix-xhud tishaq li hi kienet taraha "*friendly*" mieghu[35].

Dwar il-karti li kienu ntremew, din ix-xhud tghid li meta marret fil-fabbrika ta' Hal Qormi hi rat boroz tal-iskart b'hafna karti fihom, izda ma tafx ta' xhiex kienu dawn il-karti. Ix-xhud tghid li ghalkemm ma ratx lir-rikorrenti tarmi dawn il-karti, ssostni li kienet hi li ramiethom peress li kienet l-istess rikorrenti li qalet li kienet ramiet xi affarijiet[36].

Din ix-xhud ghamlet enfazi li hi ma kinietx telqet mill-impjieg minhabba Attilio Briffa, izda telqet ghax sabet x'imkien ahjar bhala salarju. Dwar jekk kinietx taf li kien hemm *policy* li stimi li kienu nghataw minghajr ma kienu gew segwiti b'ordni kienu jintremew, ix-xhud sahqet li hi ma kinietx

[33] Seduta tas-26 ta' April 2022, xiehda in kontro-ezami ta' Anne Marie Mamo, pagna 28 tat-traskrizzjoni.
[34] Ibid, pagna 32 tat-traskrizzjoni.
[35] Seduta tas-26 ta' April 2022, xiehda in kontro-ezami ta' Caroline Grech, pagna 43 tat-traskrizzjoni.
[36] Ibid, pagna 44 tat-traskrizzjoni.

taf biha. Dwar it-tip ta' cajt ta' Attilio Briffa, din ix-xhud ssostni li kulhadd kien jidhak ghal dan ic-cajt, u li hadd ma kien jiehu ghalih, ghalqet ix-xiehda taghha, Caroline Grech.

It-Tribunal, ha konjizzjoni tad-dikjarazzjonijiet tal-kaz u dan kif gie lilu pprezenatat mill-partijiet kontendenti. Illi t-Tribunal zamm wiehed u ghoxrin (21) seduti b'kollox fejn instemghu x-xhieda mressqa miz-zewg partijiet, u, in oltre, l-istess Tribunal evalwa l-provi mressqa quddiemu flimkien mad-dokumenti pprezentati.

Di piu', saret trattazzjoni orali tar-rapprezentanta legali tar-rikorrenti, u kif ukoll ha konjizzjoni ta-nota ta' sottomissjonjiet tas-socjeta` ntimata f'din il-kwistjoni ta' xoghol. Ta' dan kollu dan it-Tribunal ha in konsiderazzjoni l-istess argumenti kif sottomessi fit-trattazzjoni finali, u n-noti ta' sottomissjonjiet tal-partijiet. In oltre, ma kienx possibbli li dan it-Tribunal jiddeciedi dan il-kaz fi zmien xahar kif stipulat fil-ligi u dan stante l-limitazzjonijiet ta' facilitajiet amministrattivi, minhabba d-diversi talbiet ta' differimenti mill-istess partijiet u kif ukoll minhabba l-pandemija tal-COVID19.

Illi, r-rikorrenti, Kimberly Catania kienet assistita mill-Avukati, Dottoressa Rachel Tua, u sussegwentment minn Dottor John Ludvic Gauci, u kif ukoll minn Dottoressa Ruth Ellul. Mentri s-socjeta` ntimata, Creative Refurbishing Centre Malta Limited (C-22356), u li hi rapprezentanta mid-direttur tal-istess socjeta`, Attilio Briffa, kienet assistita, fil-bidu ta' dawn il-proceduri mill-Avukat Dottor, Edric Micallef Figallo, u sussegwentment mill-Avukati, Dottor Amadeus Cachia u mid-Dottoressa Francesca Zarb, u li fl-ahhar tal-proceduri ipprezentat nota ta' rinunzja tal-patrocinju tas-socjeta` ntimata.

## Konsiderazzjonjiet tat-Tribunal Industrijali

Illi din il-Kwistjoni ta' Xoghol tikkoncerna talba da parti tar-rikorrenti, Kimberly Catania fejn hassitha li soffriet fastidju bi ksur ta' Artikolu 29 tal-Kap 29 tal-Kap 452, u r-Regolament 3 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 452.95. Ir-rikorrenti talbet ukoll lil dan it-Tribunal sabiex iqis li d-decizjoni taghha li titermina l-impjieg minn mas-socjeta` ntimata kien rizultat ta' ntolleranza ta' agir li jammonta ghall-*constructive dismissal*.

Ghal dawn ir-ragunijiet ir-rikorrenti talbet lil dan it-Tribunal sabiex jiddikjara li kienet soggetta ghal trattament diskriminatorju, u dan a tenur ta' artikolu 26 tal-Kap 452 tal-Ligijiet ta' Malta. In oltre, r-rikorrenti talbet li dan it-Tribunal sabiex s-socjeta` ntimata tigi kkundannata thallas kumpens in liena ta' danni lir-rikorrenti.

It-Tribunal jibda biex jinnota li din f'din il-kwistjoni ta' xoghol ir-rikorrenti hassitha offiza bil-mod kif trattaha d-direttur tas-socjeta` ntimata, Attilio Briffa. Ir-rikorrenti kemm fl-affidavit taghha u kemm fix-xiehda taghha spjegat li l-attitudni ta' Attilio Briffa. Ir-rikorrenti semmiet diversi episodji fejn hassitha skomda bil-mod kif tkellem dwarha u dan quddiem persuni li kellhom xi forma ta' relazzjoni mas-socjeta` ntimata, bhal episodju li fornitur jithallas billi jiehu lir-rikorrenti. Il-messagg tal-mara xiha bla snien u li l-istess Attilio Briffa kiteb kumment dwar kemm iffortunat l-

gharus tar-rikorrenti. Hemm ukoll l-episodju tal-labra, l-episodju tal-IQ, u li r-rikorrenti hassitha offiza b'dawn it-tip kummenti.

It-Tribunal, dwar dawn l-istanti ta' fastidju, jaghmel referenza ghal dak li l-awtur awtorevoli Norman Selwyn jghid dwar din il-materja. F'sitwazzjoni fejn principal qieghed johloq sitwazzjoni fejn impjegat/a jhossu/thossha skomda bil-komportament tieghu, l-awtur citat jsostni:

> 4.56 An employer must not harass an employer of his, or an applicant for employment.
>
> 4.57 Anything done by a person in the course of his employment shall be treated as done by his employer as well as by him, whether or not the act was done with the employer's knowledge or approval. This is the effect of the doctrine of vicarious liability. Thus in Jones v Tower Boot Co Ltd an employee was riacially harassed at work, by having to suffer physical and verbal abuse from his fellow employees. It was argued for the employer that the acts were not committed in the course of the employment because it was no part of their work to do such things, which were unauthorised and unconnected with anything thet were employed to do. The Court of Appeal rejected the argument, and held the employer liable for race discrimination. The words 'in the course of his employment' were to be given a purposive construction.
>
> 4.58 …A claimant can also bring an action under the general harassment provisions of the Act (s 26, par 4.33) or claim that the employer's failure to take steps could amount to am fundamental breach, entitling the employee to resign and claim constructive dismissal (para 17.21)[37].

L-istess awtur dwar dawn is-sitwazzjonijiet ta' fastidju fuq il-post tax-xoghol jelenka tlett istanti ta' fastidju fejn isostni: -

> 4.33 The Act defines three types of harassment that are of general application, and a further definition of harassment which relates specifically to employment situations (see s 40, para 4.56).
>
> (a) A person harases another if he engages in unwanted conduct which has the purpose of effect of violating that other person's dignity, or creating an intimidating, hostile, degrading humilating, or offensive environment for that person. Motivation is irrelevant. This type of harassment applies to all the protected chracteristics apart from preganancy and maternity, and marriage and civil partnerships.
>
> (b) A person harasses another if he engages in any form of unwanted verbal or non-verbal or physical conduct of a sexual nature that has the effect of violating a person's dignity, or creating an intimidating, hostile, degrading, humiliating, or offensive environment for that

[37] Ibid, par. 4.56 -4.58, p. 128.

other. This type of harassment applies to all the protected characteristics.

(c) The third type of harassment is where one or more persons engage in conduct of a sexual nature, or that is related to gender reassignment or sex, and has the purpose or effectof violating another person's dignity, or creating hostile, degrading, humiliating, offensive environment, and because the person offended rejects or refuses to submit to the conduct he is treated less favourably than he would have been had he not rejected or submitted to the conduct. Again this type of harassment applies to all protected characteristics.

4.34 In deciding whether the conduct has that effect, the perception of the person allegedly harassed must be taken into account, as well as the other circumsatnces of the case and whether it was reasonable for the conduct to have that effect.

4.35 Conduct is 'unwanted' in the sense of being 'unwelcome' or 'uninvited' (Insitu Cleaning Co Ltd v Heads). A sinlugar incident can give rise to harassment under this section (Bracebridge Engineering Ltd v Darby). If the conduct is of sexual nature, the fact that similar treatment is meted out to men as well as women is irrelevant (Driskel v Peninsula Business Services).

4.36 If an employer has reason to believe that sexual harassment istaking place, it is incumbent on him to investigate the matter, and take some action, if necessary, without waiting for a formal complaint to be made. A failure to do so could well amount to breach of the implied term of trust confidence (Reed & Bull Information Systems Ltd v Stedman)[38].

Minn dawn l-insejamenti kollha jirrizulta li kondotta ta' fastidju tista' tkun verbali jew non-verbali u kif ukoll b'kondotta fizika ta' natura sesswali u li jkollha effett li tivvjola d-dinjita` ta' persuna. In oltre, tkun ukoll qieghda tikkrea ambjent offensiv, ostili, degradanti, intimidanti u umiljanti ghal dik il-persuna l-ohra.

In oltre f'din il-kwistjoni ta' xoghol hawn si tratta tal-istess principal li qieghed allegatament johloq din il-klima fuq il-post tax-xoghol ghar-rikorrenti. In oltre, dwar fastidju fuq il-post tax-xoghol fil-ktieb, *Discrimination in Employment* nsibu kif Tribunal Industrijali ghandu jivaluta l-kondotta li twassal ghall-fastidju: -

Assessing whether conduct has prohibited effect

5.53 The ET must have regard to the following:

- the perception of the recipient of the conduct;
- the other circumstances of the case;

[38] Selwyn's Law of Employment 22nd Edition – Astra Emir, Oxford University Press (2022) – par. 4.33 – 4.36, p. 124.

- whether it is reasonable for the conduct to have that effect[39].

Mill-provi prodotti dan it-Tribunal hu tal-fehma li l-komportament tal-principal, Attilio Briffa, ma kienx gradit mir-rikorrenti. Il-messagg li hu baghat lir-rikorrenti, ossia l-mara xiha bla snin u li addirittura kkumenta dwar il-fatt li l-gharus tar-rikorrenti kien iffortunat, jindika li l-intenzjoni tieghu kienet ben diversa minn cajta. It-Tribunal aktar hu tal-fehma li dan sar sabiex jirredikola lir-rikorrenti. Da parti taghha r-rikorrenti, b'dan it-tip ta' atteggjament zgur li ma hassithiex komda u kif ukoll kienet skomda ghall-fatt li dan il-messagg kien gej direttament minghand il-principal taghha.

Impjegata thossha skomda meta l-istess principal taghha jassoggettaha ghal din it-tip ta' sitwazzjoni. Impjegati li jesperjenzaw din it-tip ta' sitwazzjoni ha jhossuhom skomdi gialadarba dik it-tip ta' kondotta mhux milqugha minghadhom. In oltre, minhabba r-relazzjoni ta' principal u mpjegati, dawn tal-ahhar, u hawn irid jittiehed in konsiderazzjoni l-karattru tal-impjagat/a partikulari, mhux facli ghal dak l-impjegat/a li tipprotesta dwar din il-kondotta mhux gradita li tkun gejja direttament mill-istess principal. Ir-ragunijiet huma diversi, fosthom li l-impjegat/a ikun/tkun indeciz/a jekk j/tittermiinax l-impjieg tieghu/taghha u dan stante l-obligazzjonijiet li jista' jkollu/jkollha bhal self mall-banek jew impenji ohra, u dan oltre l-incertezza jekk jinstabx impjieg mill-ewwel.

In oltre, l-percezzjoni tar-rikorrenti kienet, u dan kif irrizulta mill-provi waqt is-smiegh ta' din il-kwistjoni ta' xoghol, li dan il-komportament kien qed isir sabiex jiddegredaha, umiljata u kif ukoll thossha intimidata. Impjegati li fuq il-post tax-xoghol ikunu qeghdin jesperjenzaw dan it-tip ta' attegjament ma jhossux/thosshiex komdu/a fuq il-post tax-xoghol, specjalment jekk dan ikun gej mill-istess principal.

L-istess awtur jsostni li l-punt determinanti ghall-fastidju huwa n-natura oggettiva u mhux ic-cirkostanzi tal-vittma. Dan l-awtur, Norman Selywn dwar dan jghid: -

> 4.60 It is the objective nature of the alleged harassment itself that is determinative, not the circumstances of the victim. Thus to subject a person to homophobic abuse, even though it is known to the harassers that the victim is not homosexual, can still amount to harassment. Such abuse is on the grounds of sexual orientation amounts to unwanted conduct, has the effect of violating the victim's dignity or creating a degrading, humiliating or offensive environment, and should reasonably be considered to have that effect (English v Thomas Sanderson Blinds Ltd)[40].

Illi ghalhekk meta applikat dan il-bran b'analogija ghall-odjerna sitwazzjoni, johrog car li l-kondotta tal-principal qatt ma kienet mixtieqa da parti tar-rikorrenti. L-azzjonijiet tieghu, u cioe`

---

[39] Discrimination in Employment a claims handbook – edited by Declan O'Dempsey, Catherine Cassaerley, Sally Robertson and Anna Beale, LAG Education and Service Trust Limited (2013) – para 5.53 p. 167.
[40] Selwyn's Law of Employment 22nd Edition – Astra Emir, Oxford University Press (2022) – par. 4.60, p. 129.

ta’ Attilio Briffa, kienu qeghdin idejjqu lir-rikorrenti, u dan billi hassitha umiljata, degradata, apparti li din it-tip ta’ kondotta ikkreat ambjent offensiv fuq il-post tax-xoghol ghar-rikorrenti.

Il-Legislazzjoni Sussidjarja 452.95 f’Regolament 3 (3) tistipula s-segwenti: -

> (3) Ebda persuna ma għandha tagħti fastidju lil xi persuna oħra billi tassoġġettaha għal imġieba jew talbiet mhux mixtieqa relatati ma’ xi waħda mir-raġunijiet imsemmija fis-subregolament (1), meta dik l-imġieba jew talba jsiru bl-iskop, jew ikollhom l-effett, li –
>
> (a) jivvjolaw id-dinjità tal-persuna li tiġi assoġġettata b’dan il-mod, u
>
> (b) joħolqu ambjent intimidatorju, ostili, degradanti, umiljanti jew offensiv għall-persuna li tiġi hekk assoġġettata b’dan il-mod.

It-Tribunal iqis li dan ir-Regolament numru tlieta (3) sub-regolamenti tlieta (3) jaghti indikazzjoni cara x’intenzjonijiet kellu l-Legislatur meta ghadda din il-Legislazzjoni Sussidjarja, u li tirrispekkja d-Direttivi Ewropej. Illi kif hemm riportat bl-aktar mod car f’Regolament 1 (2), fejn din il-Legislazzjoni Sussidjarja hi in linea mad-Direttivi tal-Kunsill, 76/207/KEE, 2000/78/KE, 2000/43/KE, 2002/73/KE u 2006/54/KE. Illi dawn id-Direttivi saru sabiex l-impjegati jigu protetti minn kull tip ta’ abbuz, kemm bhala fastidju semplici u kif ukoll bhala fastidju sesswali.

Illi minn dak li rrizulta matul is-smiegh ta’ din il-kwistjoni ta’ xoghol, il-principal, Attilio Briffa, kien qed johloq ambjent intimidatorju fuq il-post tax-xoghol. It-Tribunal jinnota li z-zewg xhieda, Anne Marie Mamo u kif ukoll Caroline Grech kienu skomdi hafna matul ix-xiehda taghhom waqt il-kontro-ezami. In oltre, x-xhud Caroline Grech, meta giet mistoqsija jekk gietx imgieghla sabiex taghmel l-affidavit, din ix-xhud, wara hafna ezitazzjonijiet, stqarret li kien hemm prezenti Attilio Briffa meta hi ghamlet dan l-affidavit[41].

In oltre, l-istess Tribunal jikkonsidra ukoll dak li jistipula l-artikolu 29 tal-Kap 452 tal-Ligijiet, liema artikolu jiddisponi: -

> (1) L-ebda prinċipal jew impjegat ma jista’ jagħti fastidju lil impjegat ieħor jew jagħti fastidju lill-prinċipal billi jassoġġetta lil dik il-persuna għal kull att, talba jew kondotta mhux mixtieqa, li jinkludu kliem bil-fomm, ġesti jew il-produzzjoni, il-wiri jew iċ-ċirkolazzjoni ta’ kliem miktubin, stampi jew materjal ieħor, li rigward dik il-persuna huma bbażati fuq diskriminazzjoni sesswali u li jistgħu raġonevolment jiqiesu bħala offensivi, umilijanti u intimidatorji lejn dik il-persuna.
>
> (2) L-ebda prinċipal jew impjegat ma jista’ jagħti fastidju sesswalment lil impjegat ieħor jew lill-prinċipal (hawnhekk iżjed’il quddiem f’dan l-artikolu imsejħa "l-vittma") billi –
>
> (a) jassoġġetta l-vittma għal att ta’ intimità fiżika; jew

[41] Vide xiehda ta’ Caroline Grech, seduta tas-26 ta’ April 2022.

(b) jitlob favuri sesswali mill-vittma;

(ċ) jassoġġetta l-vittma għal xi att jew kondotta li jkollhom konnotazzjonijiet sesswali, inklużi kliem bil-fomm, ġesti jew il-produzzjoni, il-wiri jew iċ-ċirkolazzjoni ta' kliem miktubin, stampi jew materjal ieħor, fejn –

(i) l-att, it-talba jew il-kondotta mhumiex mixtieqa mill-vittma u jistgħu raġonevolment jitqiesu bħala offensivi, umiljanti jew intimidatorji lejn il-vittma;

(ii) il-vittma tiġi ttrattata b'mod differenti, jew jista'raġonevolment jiġi antiċipat li l-vittma tista' tiġi hekk trattata, bħala riżultat tat-tiċħid jew is-sottomissjoni tagħha għal dak l-att, dik it-talba jew dik il-kondotta[42].

Dan it-Tribunal hu tal-fehma li l-komportament ta' Attilio Briffa aktar jinkwadra f'paragrafu 'c' ta' dan l-artikolu hawn citat. Mill-episodji li gew spjegati, johrog car li r-rikorrenti giet soggettata ghal din it-tip ta' kondotta da parti tal-principal. Kemm il-messagg tal-mara xiha bla snien li l-principal baghat lir-rikorrenti, li ghalhekk hawn si tratta ta' stampa, u dan kif stipulat f'dan l-artikolu, u l-kliem bil-fomm li hu qal, u dan b'referenza ghal meta ghadda rimarki tal-labra li jifqa' sider ir-rikorrenti, huma cirkostanzi fejn ir-rikorrenti hassitha umiljata u kif ukoll li tali kondotta ma kinietx mixtieqa minnha.

Dwar dak li xehed dwaru Attilio Briffa, u cioe` li r-rikorrenti ma kinietx impjegata kompetenti f'xogholha, dan it-Tribunal jikkonsidra li din hi biss skuza sabiex joskura l-kondotta tieghu. Dan it-Tribunal hu tal-fehma li jekk il-principal ihoss li mpjegat mhux kompetanti ghal dak li jkun gie mpjegat ghalih jista` juzufruwixxi ruhu mill-perjodu ta' prova li tipprovdi l-ligi u jittermina l-impjieg.

In oltre, l-istess socjeta` ntimata kellha d-dmir li tassigura li meta timpjega maghha persuni, u li jkunu gew impjegati ghal xoghol partikolari, tara li dawn ikunu jilhqu l-kompetenza rikjesta. Di piu', ghandha wkoll taghti dak it-tahrig adegwat lil dawn l-impjegati, u kif ukoll li jkunu sorveljati u vigilati, specjlament fil-perjodu ta' prova. L-istess awtur gia citat, dwar dan l-istanti jsostni: -

10.13 This duty arises at the outset of the employment, and continues during its performance right up to its termination. Employers will have to examine very closely their personnel and recruitment policies, for mistake or a failure to handle a problem in a proper manner could lead to an expensive action being brought in the future. For if an employer selects someone for a particular job, and that person does not have the necessary experience or capability for doing it, it is likely that the employer must accept some of the blame (*Bradley v Opperman Gears Ltd*). As a result, many employers are now commencing employees on the basis of a probationary period in order to assess properly their capabilities. The empoyer has an obligation to ensure that the employee is provided with adequate job description, with objectives

[42] Att Dwar l-Impjiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali, artikolu 29.

> clearly mapped out, is provided with adequate facilities and support staff, **<u>and is propery trained and supervised where necessary</u>**[43]. A failure by the employer to attend to these and similar matters may well mean that any shortcomings on the employee's part may not be entirely his own fault, and it could well be unfair to dismiss him in these circumstances (*Burrows v Ace Caravan Co (Hull) Ltd)*[44].

Dwar it-terminazzjoni kostruttiva (*constructive dismissal*), dan it-Tribunal ihoss li mpjegati li jkunu assoggettati ghal dan it-tip ta' komportament zgur li mhux se jibqghu f'dan it-tip ta' ambjent tossiku fuq il-post tax-xoghol taghhom. Ambjent fuq il-post tax-xoghol bhal dak ta' din il-Kwistjoni ta' Xoghol johloq inkonvenjenti kbar u jista' jwassal ukoll, f'certu cirkostanzi, ghal dipressjoni jew ansjeta` u kif ukoll xi forma ta' mard mentali.

Ir-rikorrenti, kif jirrizulta mid-dokument ipprezentat mir-rapprezentant tal-*Jobs Plus*, jindika li rrizenjat mill-impjieg taghha fit-23 ta' Frar 2018, u ghalhekk ai fini ta' preskrizzjoni din il-kwistjoni ta' xoghol giet ipprezentata entro t-terminu tal-erba' xhur perentorji kif rikjesti mill-ligi[45].

In oltre hawn irid jigi kkunsidrat ukoll li persuna tqatta' hin konsiderevoli f'dan it-tip ta' ambjent tossiku u ghalhekk persuna mhux se tissaporti f'ambjent ta' xoghol simili. L-awtur gia citat, Norman Selywn f'dawn it-tip ta' cirkostanzi jirrileva: -

> 17. 31 A constructive dismissal situation arises when the employer, without reasonable and proper cause conduscts himself in a manner or likely to destroy or seriously damage the relationship of trust and confidence which exist between the parties (Malik v BCCI SA)[46].

Dwar il-mod kif agixxa l-principal hu propju dak li ghamel mar-rikorrenti. Inkisret dik ir-relazzjoni ta' fiducja li mpjegat ikollu versu l-principal tieghu/taghha. It-Tribunal ukoll jinnota li giet ipprezentata d-decizjoni li nghatat mill-Qorti Kriminali, ossia Il-Pulizija vs Attilio Briffa deciza, fl-1 ta' Gunju 2023, mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Krminali. It-Tribunal jifehm u jaqbel mad-decizjoni ta' din l-Onorabbli Qorti u dan stante l-fatt li fil-branka penali l-oneru tal-prova hu li l-prosekuzzjoni trid tipprova lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni (*beyond reasonable doubt*). Cio nonostante, artikolu 6 tal-Kodici Kriminali jghid b'mod car li "*L-azzjoni kriminali u l-azzjoni civili jitmexxew indipendentement waħda mill-oħra*"[47].

Mill-banda l-ohra fil-branka tad-dritt industrijali u tal-impjiegi l-oneru tal-prova hu ferm differenti minn dak penali. Il-provi li tressqu huma soddisfacenti li jilhqu l-bilanc ta' probabillita`, u ghalhekk jammontaw ghall-kondotta li ma kinietx mixtieqa u li l-istess kondotta tammonta ghal fastidju.

---

[43] Enfasi tat-Tribunal Industrijali.
[44] Selwyn's Law of Employment 22nd Edition – Astra Emir, Oxford University Press (2022) – par. 10.13, p. 284.
[45] Vide *employment history* u *termination form* tar-rikorrenti ipprezentata fis-seduta tal-5 ta' Marzu 2019.
[46] Selwyn's Law of Employment 22nd Edition – Astra Emir, Oxford University Press (2022) – par. – 17.31, p. 428.
i[47] Artikolu 6 tal-Kodici Kriminali, Kap 9, tal-Ligijiet ta' Malta.

## Kumpens

Illi ghar-ragunjiet sopracitati t-Tribunal, filwaqt li qieghed jichad l-eccezzjonjiet kollha tas-socjeta` ntimata, qieghed jiddikjara li: -

1) Ir-rikorrenti soffriet fastidju u dan bi ksur ta' artikolu 29 tal-Kap 452 tal-Ligijiet ta' Malta u r-Regolament 3 ta' L.S. 452.95;

2) Ir-rikorrenti tterminat l-impjieg taghha minhabba l-kondotta xejn dinjituza tal-principal taghha, ossia d-direttur tas-socjeta` ntimata, Attilio Briffa, u ghalhekk dan jammonta ghall-*constructive dismissal*;

3) Jichad it-tielet talba; u

4) Jikkundanna lis-socjeta` ntimata Creative Refurbishing Centre (Malta (C-22356) sabiex thallas l-ammont ta' erbat elef ewro (€4,000) lir-rikorrenti Kimberly Catania fi zmien xahar mid-data ta' din id-decizjoni, u dan wara li dan it-Tribunal ha wkoll in konsiderazzjoni tal-fatt li r-rikorrenti damet fl-impjieg ghal tmien (8) xhur biss.

Illi kif gia gie spjegat f'decizjonjiet ohra ta' dan it-Tribunal, il-kumpens li jasal ghalih it-Tribunal ghandu jkun in linea ma' dak li jkun ghadda minnu l-impjegat/a. Il-Qrati taghna wkoll indikaw il-mod u x'ghandu jiehu in konsiderazzjoni t-Tribunal Industrijali sabiex jasal ghall-kumpens gust u xieraq. Il-Qorti tal-Appell (Kompetenza Inferjuri) f'diversi decizjonijiet elenkat l-istanti li t-Tribunal Industrijali ghandu jikkonsidra sabiex jasal ghall-komputazzjoni tal-kumpens u kif ukoll x'ghandu jikkonsidra sabiex jasal ghal tali kumpens[48].

Ghall-finijiet ta' l-Avviz Legali 48 tal-1986, dan it-Tribunal qieghed jistabilixxi d-drittijiet tar-rapprezentanti legali tal-partijiet fl-ammont ta' €93.17c ghal kull rapprezentant legali.

Ghalhekk tintemm din il-kwistjoni ta' xoghol.

(Iffirmat)
Dr. Geoffrey Vella
Chairman

**Vera Kopja**

**Marica Psaila**
**Għas-Segretarju**

[48] Appell Civili 64/2017 – Qorti tal-Appell (Komptenza Inferjuri) fl-ismijiet Borg Carmel vs Malta Transport Services (operations) Ltd deciza fid-9 ta' Marzu 2019, per l-Onorevoli Mhallef Anthony Ellul, u Appell Civili 90/2018 – Qorti tal-Appell (Komptenza Inferjuri) fl-ismijiet Pisani Marco vs The AV Warehouse Ltd deciza fil-11 ta' Frar 2019, per l-Onorevoli Mhallef Anthony Ellul, u Appell Civili Nru:160/2018 fl-ismijiet, Publius Davison vs De La Rue Currency and Security Limited deciza 11 ta' Ottubru 2019, per l-Onorevoli Mhallef Anthony Ellul.